MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 108/2004/1

**Falcon 2000 Limited**

**v.**

**Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li gew nominati bhala kuraturi deputati b'digriet tad-19 ta' Settembru, 2003 sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Net2Phone Inc ta' 520, Broad Street, Newark, NJ 07102, U.S.A.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Frar, 2004, li taqra hekk:

“Premess illi l-kumpanija konvenuta toffri servizzi ta’ VOIP fuq skala nternazzjonali u dan tramite resellers imqabbda minnha f’diversi pajjizi;

“U billi bejn il-kontendenti kienu saru diskussjonijiet dettaljati dwar l-ghoti ta’ kuntratt ta’ distribuzzjoni esklussiva f’Malta tas-servizz ta’ Net2Phone;

“U billi l-partijiet kienu lahqu ftehim fuq l-aspetti essenzjali tal-kuntratt b’dan illi l-partijiet kienu qabblu li n-negozju kellu jibda mill-liberalizzazzjoni tas-suq Malti koncernat. In konsiderazzjoni ta’ dan il-ftehim l-atturi hallsu lill-konvenuti s-somma ghaxart elef dollaru Amerikan (US$10,000) bhala depozitu inizjali liema depozitu kien accettat mill-konvenuti minghajr riserva jew kwalifika;

“U billi l-konvenuti tramite r-rapprezentanti taghha dejjem tat assikurazzjoni lill-atturi li kollox kien ser ikun sew u li kienu ser jimxu kif pattwit. Illi l-atturi dahhlu fi spejjez a bazi tal-ftehim milhuq u tal-assikurazzjonijiet premessi;

“U billi l-liberalizzazzjoni tas-suq sehh fl-1 ta’ Jannar tal-2003;

“U billi sussegwentement ghal din id-data l-konvenuti rrifjutaw li jaghtu lill-atturi drittijiet effettivi ta’ distribuzzjoni esklussiva skond ma’ kien gie pattwit bi ksur ta’ l-obbligi kontrattwali minnhom assunti;

“U billi bhala konsegwenza tal-agir tal-konvenuti l-atturi soffrew danni konsistenti f’damnum emergens u lucrum cessans, kif ser jigi ppruvat tul is-smigh tal-kawza;

“U billi ghalkemm interpellati diversi drabi biex jaghtu lill-atturi dak li kien gie lilhom imwieghed u fin-nuqqas jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni l-konvenuti baqghu inadempjenti.

“Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

"1. Tiddikjara li l-konvenuti kissru obbligi kontrattwali minnhom assunti fil-konfront tal-atturi meta rrifjutaw li jaghtu lill-atturi drittijiet effettivi ta' distribuzzjoni esklussiva skond ma' kien gie pattwit bejn il-partijiet;

"2. Tiddikjara l-konvenuti responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-atturi minhabba l-ksur tal-pattijiet kontrattwali minnhom assunti;

"3. Suddidjarjament tiddikjara l-konvenuti responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-atturi minhabba l-agir doluz u/jew negligenti taghhom kif premessa f'din ic-citazzjoni;

"4. Tillikwida d-danni occorrendo permezz ta' periti nominandi;

"5. Tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tad-danni likwidati;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Awissu 2003, u tal-atti relattivi, bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li in forza taghha eccepew:
"1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

"2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru, 2008, li in forza taghha ddecidiet billi:
"… … … tichad it-talbiet attrici izda fis-sens indikat hawn fuq tordna s-socjeta' konvenuta tirrifondi lis-socjeta' attrici s-somma ta' $3,500 peress illi dawn il-flus thalsu *in anticipo* ghal diversi oggetti li baqghu ma ttiehdux. L-ispejjes jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"F'dina l-kawza l-atturi qed jitolbu danni minhabba allegat ksur ta' ftehim li huma jikkontendu li kien intlahaq ma' Net2Phone fejn dawn kienu intrabtu li jahtru lill atturi bhala *exclusive distributors* taghhom gewwa Malta wara l-liberalizzazzjoni tas-suq.

"Il-konvenuti wiegbu li ma kien gie konkjuz ebda ftehim ma' l-atturi.

"**Kontestazzjoni**

"L-atturi qed jargumentaw li ghalkemm ma kienx gie ffirmat ebda kuntratt formali bejn il-partijiet, ir-rabta tirrizulta mill-korrispondenza u emails li kienet ghaddiet bejn il-partijiet u li wasslet ghall-hlas akkont ta' $10,000 da parti taghhom. Dan il-hlas gie accettat mill-konvenuti minghajr riserva u ghalhekk inholqot rabta kontrattwali bejn il-partijiet. L-atturi qed jippretendu li mill-mument tal-liberalizzazzjoni tas-suq Malti huma kellhom jibdew jahdmu bhala *Exclusive Distributors* tal-kumpanija konvenuta, izda fil-fatt dawn ma tawhomx dina l-*esclusivity*.

"Is-socjeta konvenuta tikkontendi li ma kien gie ffirmat ebda ftehim ma' l-atturi u kull ma kien hemm kien biss skambju ta' emails fejn l-atturi kienu qed jesploraw il-possibilita' li jinghataw *exclusive distributorship* mill-konvenuti, haga li l-konvenuti ma setghux jaghtuhom.

"**Konsiderazzjonijiet**

"Illi l-kwistjoni f'dina l-kawza hija ghalhekk jekk kienx intlahaq ftehim bejn il-partijiet u jekk kienitx tezisti rabta kontrattwali bejn il-kontendenti li biha l-konvenuti ntrabtu li jaghtu *esclusivity* lill-atturi.

"Il-konvenuti jsostnu li ma kien hemm ebda kuntratt bil-miktub ma' l-atturi u kull ma kien hemm kien *email exchanges* fejn gew indikati l-kondizzjonijiet li kellhom iwasslu ghall eventwali ftehim bil-miktub.

"Mill-emails u korrispondenza ezibita jirrizulta li l-atturi kienu riedu jaghmlu arrangement mal-konvenuti ghas servizz ta' VOIP u xtaqu li jkollom *esclusivity.* Huma jsostnu li dina l-*esclusivity* kienet inghatatilhom verbalment minn rapprezentanti tas-socjeta konvenuta pero' billi s-suq ma kienx ghadu liberalizzat f'Malta u biex jorbtu lis-socjeta konvenuta, huma kienu ghamlu depozitu ta' $10,000 biex meta eventwalment is-suq jigi liberalizzat huma jkunu jistghu jibdew jahdmu mal ewwel bhala *exclusive distributors*. Meta eventwalment is-suq gie liberalizzat u l-atturi talbu lill-konvenuti biex jonoraw il-ftehim u l-commitment li kien intlahaq il-konvenuti bdew isostnu li huma ma kienux tawhom *exclusivity* lill-atturi imma kienu biss ghadhom qed jiddiskutu u f'negozjati u ma kien intlahaq ebda ftehim bil-miktub. Huma kienu lesti biss li jaghtuhom *resellers agreement* u li r-*resellers* l-ohra ma kienx ser ikollhom kondizzjonijiet ahjar minn ta' l-atturi. Dan pero' ma kienx accettabili ghall-atturi billi ppretendew li huma kien diga' kellhom ftehim dwar *exclusivity*.

"Il-konvenuti jsostnu li huma qatt ma setghu jaghtu exclusivity lill-atturi bil-prezz li huma qed isemmu li l-konvenuti suppost tawhom. Inoltre l-atturi ma kienux hallsu s-somma li kienet timporta din l-option ta' l-exclusivity. (ara fol 86). Il-konvenuti kienu taw biss lill-atturi diversi *options*, fosthom dika tal-exclusivity izda ma kienux ftehemu jew intrabtu li jaghtuhom dina l-exclusivity. Kien biss jekk u meta s-socjeta attrici kienet lesta li taccetta wahda minn dawn l-options, li kien jigi ffirmat kuntratt kif kien generalment isir f'kazijiet bhal dawn. Fl-emails jidher li l-atturi kienu propensi li jaccettaw it-tielet option tal-exclusivity ( pero' dina ma kienitx ghadha nghatatlhom) pero' xtaqu wkoll izommu li option 2 miftuha. F'dak l-istadju ghalhekk jidher li l-partijiet kienu ghadhom fi stadju ta' negozjati u ma kien hemm ebda accettazzjoni formali bil-miktub da parti tal-konvenuti.

"Jonathan Fuchs xehed li l-procedura kienet li : *"Once the terms are negotiated the sales person will forward a standard Net2Phone contract. After it is signed by the partner it is returned to the salesperson who provides it to our legal department for review. The legal department will*

*ascertain that no changes to the contract have been made or if changes have been made they are acceptable to Net2Phone. They will then stamp it as approved by the legal department and the signed, passed along for the signature by senior management at Net2Phone”*.

“F’dan il-kaz ma kienux ghandhom waslu f’dak l-istadju li jigi ffirmat xi tip ta’ kuntratt bil-miktub.

“L-artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc johloq prezunzjoni fis-sens illi meta ftehim verbali jsir bl-intiza li ghandu jigi redatt bil-miktub, u l-iskrittura mbaghad ma ssirx, il-ftehim mhux validu; ghax meta jkun gie miftiehem li l-ftehim verbali kellu jigi mnizzel bil-miktub, hu prezunt li l-partijiet riedu jassoggettaw il-validita’ tal-ftehim ghat-tharis ta’ dik il-formalita’. Din il-prezunzjoni mhux *juris tantum* imma *juris et de iure* u hija ntiza biex tipprevedi u tiddirimi kwistjonijiet fil-kummerc u ghalhekk tipprevjeni kawzi ; b’mod li dik il-prezunzjoni ma tistax titwaqqa’ bi provi testimonajli. (App 23 ta’ Novembru 1956 Vella Gatt vs Darmanin et)

“Fi kliem iehor, gjaladarba, “l-ligi trid illi, jekk il-partijiet jiftehmu li jaghtu forma bil- miktub ghal ftehim verbali, il-presunzjoni hija illi x-xewqa taghhom tkun illi jassoggettaw il-validita’ ta’ l-osservanza ghal dik il-forma, u ghalhekk qabel ma tigi ffirmata l-iskrittura ma jistax jinghad illi l-ftehim hu perfett”. (Neg. Joseph Stellini nomine vs Neg. Salvatore Debono Appell Kummercjali 14 ta’ Dicembru 1942 (Kollez. Vol. XXXI P I pg 565).

“Ghalhekk il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt li l-partijiet riedu, u fil-fatt qablu, li ghall-validita’ tieghu il-ftehim kellu jigi redatt bil-miktub u sottoskritt minnhom lkoll. Fuq dan hemm qbil bejn il-partijiet, li tirrizulta mill-korrispondenza ezibita.

“Fil-fehma tal-Qorti minn ezami ta’ l-emails mibghuta jidher car illi l-partijiet kienu ghadhom fi stadju ta’ negozjati, u li dawn in-negozjati ma kienux ghadhom konkjuzi. Id-diskussjonijiet u n-negozjati kienu ghadhom fi stat ta’ trattativi inkompleti. Il-Qorti lanqas hi ta’ fehma li fil-

fatt gie pruvat li l-partijiet kienu definitivament waslu ghal ftehim. Martin Bonnici kien ghadu qed jiddiskuti x'kellu jigi nkorporat fil-ftehim.

"Il-Qorti tirreferi ghall diversi emails f'dan is-sens. Per ezempju Martin Bonnici ghas-socjeta' attrici a fol. 11 tal-process kien ikkomunika mal-konvenuti u kien qallhom li:

*"I look forward to receiving the revised contract in due course".*

"Sussegwentement Dino Pagliarello informa lil Martin Bonnici sabiex:

*"Please take a look at the P.O. and International Reseller Agreement that I have attached"*

"Fl-affidavit ta' Martin Bonnici, a fol. 43 tal-process, hu jghid li baghat messag gdid lil Jonathan Fuchs li jghid illi:

*"We agreed to purchase sample products even though we have not concluded negotiations with you……..."  Quite frankly, I feel that we have proved our commitment time and time again. Perhaps the time has now come for Net2Phone  to prove its own commitment."*

"fol 53 Dino Pagliarello jikteb hekk lil Martin Bonnici:

*"Once we have established which products you would like to initially invest in, then we can put together the final International Reseller Agreement……….."*

"Martin Bonnici a fol.184 tal-process f- *e-mail*  ohra jghid hu stess:

"*Hi Jonathan  ….We are now more eager than ever to meet you so that any negotiations can be concluded so that we can commence operations as early as possible".*

"Dan kollu minkejja li Jonathan Fuchs darba iddikjara lil Martin f- *e-mail (*a fol 199 tal- process):  *"I assure you that I and net2phone are quite committed to you".*

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi f'dan ir-rigward li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li l-konvenuti kienu assumew xi obbligi kontrattwali li jaghtu lill-atturi xi drittijiet ta' distribuzzjoni esklussiva.

"**Danni**

"L-atturi jikkontendu li huma ghandhom dritt ghal danni minhabba ksur ta' ftehim. Dana l-ftehim pero' ma jirrizultax Madankollu, anki fil-fazi tat-trattativi tista' tezisti certa responsabilta' prekontrattwali [1]jekk it-trattativi jigu interrotti kapricjosament pero' ir-responsabilta' li jista jkun hemm lok ghaliha, hi dik biss tar-rifussjoni ta' certi danni, konsistenti fil-mizura ta' dak li jissejjah "interess negattiv" u cioe', l-interess li ma jsirx dak li sar bi ksur tal-ligi.

"Jidher li jezistu xi diskrepanzi fl-ammonti bejn dak li qed jghidu l-atturi rigward il- flus ($10,000) li hallsu lill-konvenuti u li ma nghatawx oggetti ghalihom u bejn dawk li qed jallegaw il-kontro-parti. Minn dokumentari prodotti jidher illi l-attur hallas xi $3,500 li ghalihom ma nghata xejn in ritorn."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha tbiddel is-sentenza appellata moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet premessi u, minflok ma tikkundanna lill-konvenuti jhallsu biss is-somma ta' $3,500, tilqa' t-talbiet attrici fl-interezza taghhom kif dedotti fic-citazzjoni u b'hekk tiddikjara li l-konvenuti appellati kisru l-obbligi kontrattwali minnhom assunti fil-konfront tas-socjeta` attrici appellanti, tiddikjara l-konvenuti appellati responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` attrici appellanti minhabba tali ksur; sussidjarjament tiddikjara l-konvenuti appellati responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` attrici appellanti minhabba l-agir doluz u/jew negligenti taghhom, tillikwida d-danni

[1] Assumendo li dina d-dottrina ssib applikazjzoni mill-Qrati taghna u li bhala fatt jirrizulta li l-konvenuti interrompew it-trattattivi bla raguni valida.

okkorrendo permezz ta' periti nominandi, u tikkundanna lill-konvenuti appellati ghall-hlas tad-danni hekk likwidati.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti nomine li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha tirriforma din is-sentenza, billi tikkonfermaha fejn hija cahdet it-talbiet attrici u tirrevokaha u thassarha ghall-kumplament b'konsegwenza li tichad it-talbiet tas-socjeta` appellata fl-intier taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta li ressqu l-konvenuti nomine ghall-appell tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha tichad ir-rikors imressaq mis-socjeta` appellanta Falcon 2000 Limited bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontriha.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qed tibbaza l-pretensjoni taghha fuq il-premessa li bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim fuq l-aspetti essenzjali ta' kuntratt li in forza tieghu s-socjeta` konvenuta kellha tikkoncedi lis-socjeta` attrici "drittijiet effettivi ta' distribuzzjoni esklussiva" tas-servizz VOIP minn Malta. Is-socjeta` konvenuta cahdet li kien sar xi ftehim u tghid li bejn il-partijiet kien hemm biss diskussjonijiet li, pero`, ma gewx finalizzati.

L-ewwel Qorti sabet favur is-socjeta` konvenuta u qalet li bejn il-partijiet ma kienx intlahaq ftehim; sabet pero`, li s-socjeta` konvenuta ghandha tirrifondi lis-socjeta` attrici s-somma ta' €2,705.83, parti mill-flus li thallsu mis-socjeta` attrici in anticipo ghal diversi oggetti li baqghu ma ttiehdux.

Mis-sentenza appellaw iz-zewg partijiet: is-socjeta` attrici tinsisti li kien intlahaq ftehim li ma giex onorat, jew li ghandha thallas danni prekontrattwali minhabba l-fatt illi s-

socjeta` konvenuta regghet lura mill-ftehim (sic) minghajr bona fede. Is-socjeta` attrici tghid li ma ghandha tirrifondi xejn mid-depozitu ta' US$10,000 li kienet saret, peress li ghaddiet lis-socjeta` attrici servizzi u prodotti ekwivalenti ghal dan l-ammont.

Trattat, l-ewwel, l-appell tas-socjeta` attrici, din il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni ddur mal-apprezzament tal-fatti, peress li ftehim bil-miktub ma jirrizultax, izda s-socjeta` attrici tallega li kien intlahaq ftehim verbali. Issa, kif inhu risaput, bhala principju, l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti tal-ewwel grad ma ghandux jigi disturbat minn qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament tal-ewwel Qorti kien tant zbaljat illi tkun ser tigi kreata ingustizja. Issa, f'dan il-kaz, l-ewwel Qorti, wara li ezaminat il-provi li gew prodotti quddiemha, sabet li ma kienx jirrizulta "ftehim" kif qed tallega s-socjeta` attrici. Din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti u ma sabet xejn li jista' jinduciha tbiddel il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti fuq dan il-punt.

Din il-Qorti tibda biex tosserva, illi kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza **Grech v. Borg et.**, deciza fis-16 ta' Jannar, 1931,
"*e` elementare in diritto che il rapporto giuridico nasce appena sorga il vincolo creatore della obbligazione; e lo stesso vincolo si considera affettuarsi quando vi e` l'unione della proposta e della accettazione, perche in quel momento le due volonta` dell'offerente e dell'accettante si immedesimano in modo tale da creare il vincolo.*"

Issokkta jigi ritenut in tema mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Accountant General v. Penza noe**, deciza fit-28 ta' Marzu, 2003, illi:
"*konsiderati flimkien – l-offerta u l-accettazzjoni – jikkostitwixxu n-negozju guridiku li hu l-bazi u sostrat tal-ftehim. Jekk l-offerta tirrivesti l-karattru ta' negozju unilaterali, l-accettazzjoni taghha timmanifesta l-volonta` tal-accettant illi jghaqqad dan il-karattru unilaterali tal-*

*offerent ma' dak unilaterali tieghu, qua accettant, u b'hekk jikkonkludi l-ftehim;*"

Kif intqal ukoll minn din il-Qorti, sede inferjuri, fil-kawza **Brands International Ltd. v. Brigette Gauci Borda School of Ballet Ltd.**, deciza fit-13 ta' Frar, 2009,
"*Ragonevolment, sew il-proposta u l-accettazzjoni jridu jkunu precizi, determinati, u kompleti. Hekk, allura, il-proposta, in kwantu invit biex wiehed jikkuntratta, jrid ikollha dawk l-elementi li jikkaratterizzaw l-intenzjoni tal-proponenti li huwa jrid jimpenja ruhu ghax-xoghol mahsub, mentri l-accettazzjoni trid tkun espressa minn dikjarazzjoni cara illi l-accettanti qed jaderixxi ruhu mal-kontenut tal-proposta. Hu proprju dan li jispjega l-volonta` tieghu versu l-konkluzjoni tal-kuntratt. Logikament, tali konformita ta' l-accettazzjoni mal-proposta trid tkun wahda f'sens sostanzjali u mhux sempliciment formali. Dan qed jigi rilevat ghar-raguni illi jekk l-accettazzjoni ma tkunx konformi ghall-proposta fis-sostanza taghha, jew bejn il-proposta u l-accettazzjoni tirrizulta difformita objettiva, ma jkunx jista' jinghad li l-kuntratt hu perfett. Dan li nghad iwassal ghall-konsiderazzjoni ta' l-elementi tal-provi fil-kaz partikulari u l-aktar, tar-ricerka tat-tifsira objettiva taghhom ghas-sostenn tat-tezi l-wahda jew l-ohra propunjati mill-kontendenti;*"

(ara wkoll **Grima v. Azzopardi**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru, 2005, fejn gie osservat li l-vinkolu kontrattwali jitwieled "*mal-perfezzjoni tal-ftehim fuq l-elementi kollha tieghu, kemm principali, sekondarji u accessorji*", salv qbil xort'ohra mill-istess partijiet).

Issa, f'dan il-kaz, bl-ebda mod ma jirrizulta li l-partijiet ipperfezzjonaw ftehim. Bejn il-partijiet kien hemm diskussjoni bil-hsieb li s-socjeta` attrici tkun *business partner* jew agent tas-socjeta` konvenuta hawn Malta, izda qbil ahhari qatt ma kien hemm. Is-socjeta` attrici riedet li tinhatar agent <u>esklussiv</u> tas-socjeta` estera, pero`, din mill-ewwel irrealizzat li dan ma setghax isir. Hu veru li s-socjeta` attrici ghamlet depozitu ta' US$10,000, u l-partijiet ftehmu li jistennew il-liberalizzazzjoni tas-suq Malti qabel ma jkomplu jitkellmu, izda l-ftehim baqa' ma sarx,

principalment peress li s-socjeta` attrici baqghet tinsisti fuq esklussivita` li s-socjeta` estera qieset, mill-bidu, mhux possibbli. Jekk kien hemm offerta da parti tas-socjeta` attrici, ma kienx hemm accettazzjoni univoka da parti tas-socjeta` estera, u allura ma nholoqx il-vinkolu ta' kuntratt.

Ix-xhud ewlieni tas-socjeta` konvenuta, Jonathan Fuchs, kien car meta spjega li "*once the terms are negotiated, the sales person will forward a standard Net to Phone contract filling in the terms*" (sottolinear ta' din il-Qorti). Kien car li l-ftehim ma kellux jirrizulta minn skambju ta' ittri jew diskussjonijiet fuq it-telephone, izda minn kitba, u din kellha tigi redatta wara li jsir qbil fuq il-kundizzjonijiet tal-ftehim. Skont l-Artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc, jekk jirrizulta, bhal f'dan il-kaz, li l-partijiet riedu jikkonkludu ftehim bil-miktub, ma hemm ebda ftehim qabel ma tigi redatta u ffirmata l-iskrittura tal-ftehim. Il-process ta' diskussjonijiet f'dan il-kaz kellu jwassal ghall-holqien ta' ftehim bil-miktub, u, allura, ladarba dan ma sarx ma jistax jinghad li kien intlahaq ftehim.

Ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, Martin Bonnici, jammetti f'diversi ittri li baghat lis-socjeta` estera li ftehim ma kienx intlahaq. F'wahda minnhom qal li kien lest jixtri xi prodotti minghand is-socjeta` konvenuta "*even though we have not concluded negotiations with you*", u f'okkazjoni ohra stqarr li ried jiltaqa' mal-ufficjali tas-socjeta` estera "*so that any negotiations can be concluded*".

Jirrizulta wkoll anke mix-xhieda tal-istess Sur Bonnici, li n-negozjati kienu qed jikkontemplaw varji opzjonijiet. Hu jghid li kien qed jippreferi *option* 3, li kienet twassal ghal esklussivita`, pero`, kien qal lis-socjeta` estera biex thalli *available* ukoll *option* 2, biex jara x'ikun jaqbel wara li jigi liberalizzat is-suq Malti. Dan juri li ftehim ahhari ma kienx hemm. Is-Sur Bonnici jispjega li hu ghamel id-depozitu ta' US$10,000 ghal *option* 3, pero`, da parti tas-socjeta` konvenuta qatt ma kien hemm accettazzjoni li s-socjeta` attrici tkun *exclusive distributer* taghha f'Malta. Meta rceviet il-flus, is-socjeta` estera esprimiet l-apprezzament taghha lejn il-*commitment* tas-socjeta` attrici "*to start this*

*partnership with Net2phone*”, pero`, il-forma u l-istruttura ta’ dik is-socjeta` kienet ghadha fuq il-mejda. Fil-fatt, in segwitu ghal dan id-depozitu, intbaghtet ittra ohra lis-socjeta` attrici li kienet tghid li “*once we have established which products you would like to initially invest in*”, ikunu jistghu jigu finalizzati il-kundizzjonijiet tal-ftehim. Din hi konferma ohra li l-partijiet ma kinux ghadhom waslu fi qbil fuq it-termini kollha tal-ftehim.

Id-diskors li sar kien sabiex is-socjeta` attrici tkun *reseller* tas-socejta` estera, mhux fuq bazi esklussiva, u mhux kif qed tippretendi l-istess socjeta`, u cioe`, li intlahaq ftehim. L-uniku diskors li kien sar dwar esklussivita` kien dwar pagament inizjali ta’ $50,000 u sitt pagamenti ta’ $10,000-il wiehed, li qatt ma saru, u allura s-socjeta` attrici ma tistax tippretendi li hemm xi ftehim meta hija stess qatt ma zammet ma’ dan l-allegat ftehim. Is-socjeta` estera offriet lis-socjeta` attrici sabiex hadd mir-*resellers* l-ohra li jkun hawn Malta ma jkollhom kundizzjonijiet ahjar minnha, pero` b’dan ma riedux ifissru li dik is-socjeta` kien ser ikollha xi esklussivita`. Li ma kienx intlahaq ftehim huwa desunt ukoll minn dak li qalet is-socjeta` attrici fir-rikors tal-appell taghha, in partikolari meta osservat:
“In-negozjati kienu ikkumplikati mill-fatt illi d-dettalji tal-ftehim ma setghux jigu definittivament ikkonkordati peress illi dawn kienu jiddependu mil-liberazlizzazzjoni tas-suq tat-telekomunikazzjoni f’Malta, haga li ma kienetx fil-kontroll tal-partijiet. Difatti jidher li kien hemm zewg stadji distinti fejn il-partijiet l-ewwel ftehmu illi jidhlu f’relazzjoni ta’ negozju ma’ xulxin – u sa hawn lahqet giet kuntrattata l-obbligazzjoni – u mbaghad aktar tard kellhom jiftehmu dwar dettalji aktar specifici li kienu jiddependu mil-liberazzazzjoni tas-suq tat-telekomunikazzjoni, u kien dan il-ftehim aktar dettaljat li kellu jigi ffirmat.”

Apparti li s-socjeta` estera ma taccettax lanqas li l-partijiet kienu waslu f’dik il-fazi, din id-dikjarazzjoni tikkonferma li l-ftehim ma kienx hemm hlief li “jidhlu f’relazzjoni ta’ negozju ma’ xulxin”. Kif kellha tkun din ir-“relazzjoni ta’ negozju”, fuq liema bazi u d-dettalji tal-istess, kienu ghadhom iridu jigu diskussi u kwindi zgur ma jistax

jinghad li l-partijiet "kienu lahqu ftehim fuq l-aspetti essenzjali tal-kuntratt", kif tallega s-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici issostni, in via sussidjarja, li jekk ma hemmx ftehim, is-socjeta` estera ghandha thallas danni prekontrattwali talli regghet lura mill-ftehim minghajr bona fede. Apparti l-kontradizzjoni ta' dan l-argument (ghax jekk kien hemm "ftehim" li minnu regghet lura, ma jistax ikun hemm responsabbilita` "prekontrattwali"), ma jistax jinghad li l-partijiet kienu waslu f'dak l-istadju "*fejn il-kunsens reciproka tal-partijiet kien identiku dwar il-kondizzjonijiet essenzjali tal-ftehim izda ma sehhx b'konsegwenza ta' kapricc*" – ara **Grixti v. Grech et.** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' April, 1998. Ma rrizultax, kif kompliet tghid dik il-Qorti, li l-ftehim kien "*konsolidat*", u kwindi lanqas responsabbilita` ghad-danni ma jista' jkun hemm. Biex jista' jinghad li hemm lok ghal danni prekontrattwali (*assumendo* li l-kuntratt ta' responsabbilita` prekontrattwali huwa parti mill-ordinament guridiku Malti), jrid jirrizulta li l-partijiet waslu ghall-ftehim kwazi fuq kollox, u kulma jkun jonqos kien li l-istess jigi formalizzat. Kif hu spjegat fil-ktieb "La Responsabbilta` Precontrattuale", ta' <u>de Mauro et</u> (Cedam, Ediz. 2002, pagna 117), wiehed irid jippreciza illi: "… … … *che se da un lato e` vero che ogni trattativa genera la aspettativa, o meglio la speranza di un futuro contratto, dall'altro, e` pur anche vero che, in tale ipotesi non e` ancora corretto parlare di affidamento vero e proprio, atteso che, laddove cosi` non fosse, sarebbe necessario sostenere l'improbabile esistenza di un dovere di non recedere mai senza giusta causa, ogniqualvolta si dia inizio alle trattative.*

*"Pertanto, allorquando si richiede l'esistenza di un affidamento meritevole di tutela, ci si riferisce non tanto alla vaga speranza che si pervenga alla conclusione di un affare ovvero alla certezza di ragiungere un determinato risultato, atteso che nelle trattative e` inevitabile che sussista la prima cosi` come non sussista la seconda, quanto piu` propriamente ad uno stadio delle trattative tale per cui appare praticamente raggiunto l'accordo, salva la manifestazione formale del consenso e sempre*

*che non sopravvengano elementi nuovi precedentemente non valutati che rendano giustificato il recesso.*"

F'dan il-kaz, ma kienx ghad hemm "*la certezza di raggiungere un determinato risultato*", izda diskussjonijiet fuq varji opzjonijiet li baqghu ma gewx konkluzi. Lanqas ma jirrizulta li l-ftehim ahhari ma ntlahaqx b'kapricc jew male fede tas-socjeta` konvenuta. Kif inghad, is-socjeta` attrici kienet qed tippretendi li jkollha *an exclusive distributership agreement* tal-prodotti u servizzi tas-socjeta` estera, izda din tal-ahhar ma kenitx f'pozizzjoni li takkorda dan il-privilegg lis-socjeta` attrici. Ir-rapprezentant imsemmi Jonathan Fuchs spjega f'din il-kawza ghaliex dan ma setghax isehh u avolja dan l-ufficjal, meta gie Malta, spjega lis-socjeta` attrici li ftehim bhal dak ma setghax jinghata, l-istess socjeta` attrici baqghet tinsisti li riedet dik l-opzjoni. Fl-ahhar, in-negozjati gew stronkati, izda ma jirrizultax li s-socjeta` attrici giet imweghda forma ta' arrangament li wara ma nghatalhiex.

Ghall-korrettezza, u dan fid-dawl ta' wiehed mill-aggravji mqanqla mis-socjeta` estera konvenuta, lanqas l-ewwel Qorti ma sabet li din is-socjeta` aggixxiet b'mala fede. Li qalet dik il-Qorti hu "assumendo" li d-dottrina ta' responsabbilita` prekontrattwali ssib applikazzjoni mill-Qrati taghna u li bhala fatt jirrizulta li l-konvenuti interrompew it-trattattivi bla raguni validi, dak li jkollha dritt ghalihom is-socjeta` attrici hu dak biss tar-rifussjoni ta' certi danni, u mhux danni minhabba ksur ta' ftehim, kif intalbu f'din il-kawza.

Il-partijiet, f'dan il-kaz kienu ghadhom "*nella fase di scambio o valutazione delle rispettive proposte*" (Alberici, "il dovere precontrattuale di buona fede" Ediz. 1982 pagna 1062), li jobbliga l-partijiet jagixxu in bona fede izda "*ma non ancora un dovere di non recedere*". Ma jirrizultax, mill-provi, li s-socjeta` konvenuta ma aggixxietx in bona fede, u hi, anzi baqghet sal-ahhar lesta li toffri s-servizzi taghha lis-socjeta` attrici, izda mhux fuq bazi ta' esklussivita` kif din baqghet tinsisti.

L-appell tas-socjeta` attrici ghandu, ghalhekk, jigi michud.

Rigward l-appell tas-socjeta` konvenuta, gia` inghad li l-ewwel Qorti ma sabetx li hi kienet interrompiet it-trattattivi bla raguni valida, u meta ordnat ir-rifuzjoni tas-somma ta' €2,705.83 dan ma ghamlitux in linea ta' danni, izda bhala rifuzjoni ta' parti mid-depozitu imhallas mis-socjeta` attrici lis-socjeta` estera.

L-ewwel Qorti sabet li mid-depozitu ta' US$10,000, is-socjeta` konvenuta hallset lura, fi prodotti u servizzi, biss is-somma ta' US$6,500, u, ghalhekk, trid taghti lura s-somma ta' US$3,500 (ekwivalenti ghal €2,705.83). Mill-provi jirrizulta, pero`, li s-socjeta` attrici nghatat servizzi u prodotti li ghandhom valur li hu qrib dan id-depozitu. L-imsemmi Martin Bonnici jammetti li hu rcieva samples ghall-valur ta' US$6,500, pero`, oltre dan, mill-provi jirrizulta li s-socjeta` konvenuta tat servizzi ohra ("minutes purchase", indikat fl-e.mail tat-28 ta' Ottubru, 2002) u anke *hardware* lis-socjeta` attrici, li twassal lill-Qorti tqis aktar kredibbli x-xhieda ta' Jonathan Fuchs li qal li "*I believe a total of US$9,500 or so worth of goods and services were received by them*". Ma tarax allura, li s-somma li ghandha tinghata lura lis-socjeta`attrici ghandha taccedi l-US$500 (ekwivalenti ghal €353).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell tal-konvenuti nomine billi tilqa' l-istess in parte u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonferma l-istess hlief li tiddeciedi li s-somma li ghandha tinghata lura lis-socjeta` attrici mill-konvenuti nomine hi ta' €353, u mhux €2,705.83, kif ordnat l-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu kwantu ghall-erba' partijiet minn hamsa ($^4/_5$) mis-socjeta` attrici, u parti wahda minn hamsa ($^1/_5$) mill-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------